# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 21**

**Rikors numru 409/22/1 JVC**

**Jane sive Jennifer Sammut, Josephine Cassar, Charlotte Sammut**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza ser tiddeċiedi l-appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2023, li ddikjarat il-kirja tal-fond 8, Triq Aniċi, Ħal-Qormi favur il-mejjet Alfred Cumbo u Mary Cumbo, kif protetta bl-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] sakemm ġiet terminata fit-8 ta' Awwissu 2021, kienet tikser il-jedd fundamentali tar-rikorrenti mħares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u ordnat lill-

Avukat tal-Istat iħallashom kumpens fis-somma komplessiva ta' €43,511.26 bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji.

2. Il-kwistjoni fl-appell hija dwar in-nuqqas ta' prova li l-kirja kienet effettivament waħda regolata bil-Kap. 69.

## Preliminari

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"1. Illi r-rikorrenti jippremettu li huma l-proprjetarji tal-fond 8, gja 147, gieli ndikat bhala 147/1 fi Triq Anici, Hal-Qormi liema fond kien gie ghandhom mill-wirt u successjoni tal-genituri taghhom Joseph Borg u Maria Borg Mizzi.*
>
> *Illi r-rikorrenti jispjegaw illi ommhom Maria Borg Mizzi giet nieqsa fl-24 ta' Lulju, 2001 (fol. 11) u kienet irregolat il-wirt u successjoni taghha bl-ahhar testment tal-20 ta' Lulju, 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza (fol. 12). Il-mejta Maria Borg Mizzi kienet innominat bhala eredi universali taghha lill-uliedha, r-rikorrenti fil-kawza odjerna suggett ghall-uzufrutt ta' zewgha Joseph Borg.*
>
> *Illi r-rikorrenti, flimkien ma' missierhom Joseph Borg kienu ghamlu d-dikjarazzjoni causa mortis ta' ommhom b'kuntratt tal-14 ta' Jannar, 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (fol. 19) fejn il-fond mertu tal-kawza odjerna kien gie deskritt bil-mod segwenti:*
>
> > *'(2) Il-fond numru mija u sebgha u erbghin (147) gia numru erbgha (4), Anici Street, Qormi kif mikri lil terzi erbghin lira maltin (Lm40) fis-sena, tal-valur ta' tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3,500).'.*
>
> *Illi sussegwentement kien gie nieqes missier ir-rikorrenti Joseph Borg fl-10 ta' Frar, 2008 (fol. 25). Il-mejjet Joseph Borg kien irregola l-wirt u successjoni tieghu bl-istess testment unica charta tal-20 ta' Lulju, 1983 b'dan li l-fond gie kollu proprjeta' tar-rikorrenti (fol. 26).*
>
> *2. Illi jirrizulta li l-fond in kwistjoni kien inkera mill-antekawza tar-rikorrenti lil certu Alfred u Mary konjugi Cumbo versu l-kera ta' ghoxrin*

> *lira (Lm20) tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59). Sussegwentement il-kera kienet zdiedet bl-awmenti ai termini tal-Ligi tas-sena 2010 biex ir-rikorrenti bdew jircievu s-somma ta' mija hamsa u tmenin Ewro (€185) fis-sena. Illum il-gurnata l-konjugi Cumbo m'ghadhomx jirrisjedu fil-fond in kwistjoni billi vvakaw mill-fond fit-8 ta' Awwissu, 2021 wara li Mary Cumbo giet rikoverata f'dar tal-anzjani fil-Gharghur."*

4. Ir-rikorrenti fetħu l-kawża fit-2 ta' Awwissu 2022 u qalu li ġarrbu ksur tad-dritt fundamentali protett taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kemm qabel kif ukoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009 u tal-Att XXIV tal-2021, għaliex il-fond in kwistjoni ma setax jinkera b'kera li tirrifletti l-valur lokatizzju fis-suq ħieles u dan minħabba l-protezzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 taw lill-inkwilini Cumbo, b'mod li ma nżamm l-ebda bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u l-għan pubbliku.

5. Talbu għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

> *"**(I) Tiddikjara u Tiddeciedi** illi fil-konfront tar-rikorrenti l-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 u l-Att XXIV tal-2021, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti kienu qeghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni lil Mary Cumbo (K.I. 0629539M) u l-mejjet zewgha, ghall-fond 8 gja 147, gieli ndikat bhala 147/1, Triq Anici, Hal-Qormi, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni.*
>
> ***(II) Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 u l-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera*

*pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.*

***(III) Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.*

***(IV) Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*

***Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni'.**"*

6. Permezz ta' risposta ppreżentata fis-17 ta' Ottubru 2022 l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb illi r-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfaċenti kemm dwar it-titolu tagħhom fuq il-fond in kwisjtoni u kif ukoll dwar l-allegat ftehim tal-kirja u li l-istess huwa regolat bil-Kap. 69. Fil-meritu, ċaħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-fatt u fid-dritt.

7. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2023 ["is-sentenza appellata] l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi:

*"1. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u tiddikjara li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda interess guridiku li jilmentaw dwar l-Att XXIV tal-2021;*

*2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;*

*3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti kienu qeghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni lil Mary Cumbo (K.I. 0629539M) u l-mejjet zewgha, ghall-fond 8 gja 147, gieli ndikat bhala 147/1 fi Triq Anici, Hal-Qormi, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*4. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti*

*b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi;*

*5. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u mhux pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi fl-ammont kumplessiv ta' tlieta u erbghin elf hames mija u hdax il-Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€43,511.26);*

*6. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezenti decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat."*

## **L-Appell**

8. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2023 fejn ilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' prova li għall-kirja tapplika l-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69), kif allegat mir-rikorrenti appellati. Jinsisti li għalkemm l-ammont ta' kera li kienu jħallsu l-konjuġi Cumbo kien wieħed baxx, dan ma jfissirx neċessarjament illi l-ftehim tal-kera sar qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Jinsisti li għalkemm il-grad ta' prova f'dawn it-tip ta' kawżi m'għandux ikun f'livell ta' provi ta' kawża ċivili, hemm limitu għall-flessibilità li tista' tingħata. Talab għalhekk lil din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u minflok tiddeċiedi li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż a karigu tal-appellati.

9. Permezz ta' risposta ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2024 ir-rikorrenti saħqu li din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Fil-mertu sostnew imbgħad illi l-Avukat tal-Istat kellu kull opportunità li mqar itella' lir-rikorrenti tixhed in kontroeżami, madanakollu naqas milli jagħmel hekk. Jgħidu li in atti hemm affidavit tar-rikorrenti mhux kontraddett kif ukoll irċevuti tal-kera li minnhom jirriżulta li l-kera in kwistjoni kienet effettivament waħda antika ta' qabel l-1995 u li kieku ma kinitx kirja antika huma ma kienux se jirrikorru quddiem din il-Qorti. Ikkonkludew għalhekk illi l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Avukat tal-Istat.

**Konsiderazzjonijiet**

10. Fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti huwa stabbilit illi:

> *"Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."*[1]

[1] App. Ċiv. 891/14 JRM fl-ismijiet Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et deċiż fl-14.12.2018

11. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tiskarta dik il-parti tat-tweġiba tar-rikorrenti appellati fejn jargumentaw li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat sempliċement biex ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti.

12. Kwantu għall-meritu tal-ilment, jitqies li l-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi bhala l-ewwel eccezzjoni l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa preliminarjament li r-rikorrenti jridu jgibu prova (i) tat-titolu li ghandhom fuq il-fond mertu tal-kawza odjerna, u, (ii) tal-allegat ftehim tal-kirja u prova konvincenti li tali kirja tabilhaqq kienet regolata bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat Avukat tal-Istat iddikjara li jinsab sodisfatt mill-provi migjuba f'dawn l-atti li r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond wara li wirtuh minghand id-defunta ommhom Maria Borg Mizzi. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-eccezzjoni.*
>
> *Illi mhux l-istess issottometta l-Avukat tal-Istat fir-rigward it-tieni parti tal-eccezzjoni fejn l-intimat Avukat tal-Istat jinsisti li prova li l-kirja nbdiet qabel is-sena 1995 fl-atti ma rrizultatx. Isostni li lanqas imqar hemm xi allegazzjoni mhux guramentata li l-fond ilu mikri minn qabel is-sena 1995.*
>
> *Il-Qorti tinnota li ghalkemm ir-rikorrenti Josephine Cassar fl-affidavit taghha (fol. 6) ma taghmel l-ebda accenn specifiku li l-kirja ilha gejja minn qabel is-sena 1995, hija taccenna ghal fatt li l-kera kienet wahda mizera fl-ammont ta' ghoxrin lira (Lm20) tal-munita l-antika li sussegwentement wara l-introduzzjoni tal-emendi giet awmentata ghal ammont ta' €185 fis-sena. Il-Qorti tqis li certament li kieku l-kirja ma kinitx wahda protetta u cioe' gejja minn qabel is-sena 1995, l-ammont ta' kera dovuta ma kinitx ser tithalla fl-ammot mizeru ta' ghoxrin lira (Lm20) tal-munita l-antika ekwivalenti ghas-somma ta' sitta u erbghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€46.59).*
>
> *Il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li fid-dikjarazzjoni tal-mejta ommhom Maria Borg Mizzi datata 14 ta' Jannar, 2002 (fol. 19) ir-rikorrenti ddeskrivew il-fond bhala '…kif mikri lil terzi…' u gie ndikat ukoll l-ammont ferm zghir ta' kera mhallsa. Ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti setghu pprezentaw aktar provi sabiex jissustanzjaw li l-kirja ilha gejja minn qabel is-sena 1995, u dan aktar u aktar fid-dawl li ghandhom*

*eccezzjoni f'dan is-sens, fil-fehma tal-Qorti minn dak riportat fil-paragrafi precedenti partikolarment mill-provi cirkostanzjali jirrizulta sal-grad tal-prova rikjest mill-ligi li l-kirja ilha gejja minn ferm qabel is-sena 1995. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni."*

13. Kif riportat fil-bran ċitat, il-kwistjoni dwar jekk il-kirja *de quo* kinitx effettivament waħda protetta bil-Kap. 69 tissemma fl-eċċezzjoni 1(b) tal-Avukat tal-Istat[2]. Għalhekk ir-rikorrenti kellhom l-oneru jressqu l-aħjar prova f'dak ir-rigward kif irid l-Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

14. Il-prova prinċipali li tressqet mir-rikorrenti f'dan il-każ tikkonsisti fl-affidavit tar-rikorrenti Josephine Cassar fejn xehdet hekk dwar il-kirja:

*"7. Illi dan il-fond kien kerrejja maqsum f' żewġ fondi b'aċċess minn 8 ġja 147, Aniċi Street, Qormiz, fejn l-intimata Cumbo kienet tokkupa l-fond 147/1, Anici Street, Qormi, waqt li Alfred u Maria Dolores Gatt kienu jokkupaw, kif għadhom jokkupaw sal-ġurnata tallum, l-fond 147/2 Anici Street, Qormi …*

*8. Illi l-kera li Cumbo kienu jħallsu a tenur tal-liġi kien jammonta għal €185.00c fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq kien ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjonijiet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

*…*

*10. Illi l-fond in kwistjoni kien maqsum fi tnejn, pero fil-causa mortis ġie dikjarat bħala fond wieħed …*

*11. Illi aħna b' kawża oħra qed nitolbu l-kumpens ta' dak li aħna tlifna bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' parti mill-fond in kwistjoni, magħruf bħala flat 2, 147, Anici Street, Qormi li kellu l-kera ta' Lm20 fis-sena, kif kellhom Cumbo biex b' hekk mill-fond in kwistjoni aħna konna nirċievu s-somma ta' Lm40.00c fis-sena.*

[2] Fol. 43

> *12. Illi kemm il-konjuġi Gatt kif wkoll il-konjuġi Cumbo kellhom meters tad-dawl separati u għalhekk il-fondi dejjem ġew kkunsidrati separatament minn xulxin.*
>
> *13. Illi kif fuq ingħad, l-kera li l-intimati Cumbo jħallsu a tenur tal-liġi tammonta għal €185 fis-sena …"*[3]

15. In sostenn ta' hekk, flimkien mal-istess affidavit, ir-rikorrenti Cassar *inter alia* ppreżentat:

i. irċevuta ta' kont tad-dawl f'isem l-inkwilina Cumbo[4];

ii. dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fl-14 ta' Jannar 2002[5] meta r-rikorrenti u missierhom wirtu lil ommhom flimkien mal-formola tat-taxxa relattiva fejn il-fond in kwistjoni ġie deskritt bħala mikri lil terzi għal Lm40 (ekwivalenti għal €93.17) fis-sena.[6] Ir-rikorrenti Cassar spjegat kif il-fond kien kerrejja, maqsum fi tnejn u mikri lil terzi b'kera ta' Lm20 fis-sena għal kull kerrej.

iii. irċevuti tal-kera mill-5 ta' Frar 2010 'il quddiem[7] li minnhom jirriżulta li l-inkwilina Cumbo kienet tħallas kera fis-somma ta' €92.50 kull sitt xhur bil-quddiem, ċjoè €185 fis-sena.

---

[3] Fol. 6 *et seq*.
[4] Fol. 8 *et seq*.
[5] Fol. 19 *et seq*.
[6] Fol. 23
[7] Fol. 29 *et seq*.

16. Ir-rikorrenti talbu wkoll li jinħatar perit tekniku dwar il-valur lokatizzju tal-fond mis-sena 1987 u kull 5 snin sat-8 ta' Awwissu 2021[8], preżentata fil-21 ta' Novembru 2022 u maħlufa fis-27 ta' Jannar 2023[9]. Fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2023 ir-rikorrenti għalqu l-provi[10].

17. Fis-seduta tat-23 ta' Frar 2023 l-Avukat tal-Istat iddikjara li *"jistrieħ fuq il-provi fl-atti"*.[11]

18. Il-Qorti tistqarr li l-affarijiet setgħu saru ħafna aħjar min-naħa tad-difensuri tar-rikorrenti. Dan hu każ ieħor mill-ħafna li din il-Qorti qiegħda tara fejn l-affarijiet min-naħa ta' min jiftaħ dawn it-tip ta' kawżi, qegħdin isiru b'għaġġla u nuqqas ta' attenzjoni. L-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat hi ċara. Kieku l-affarijiet saru kif suppost, bħal per eżempju jixhdu dwar il-perjodu kemm kienet ilha l-kirja jew iressqu lill-inkwilini bħala xhieda, dik it-tip ta' eċċezzjoni faċilment kienet tiġi sorvolata u ma jinħeliex żmien bla bżonn għal kulħadd.

19. Min-naħa l-oħra m'hemmx dubju li l-fond kien mikri. Meta tqis li fil-*causa mortis* li saret fis-sena 2002 jingħad li l-fond hu mikri lil terzi, ir-rikorrenti Cassar xehdet li l-kera kienet Lm20 fis-sena, li mbagħad żdiedet għal €185 fis-sena (ara riċevuti u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili), kif

[8] Fol. 47
[9] Fol. 48 *et seq*.
[10] Fol. 58
[11] Fol. 58

ukoll l-istima tal-valur lokatizzju fil-perjodu rilevanti, il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setgħet tikkonkludi li l-kirja hi x'aktarx protetta taħt il-Kap. 69.[12] Dan apparti li peress li ma sarx kontroeżami lix-xhud m'hemmx provi li jikkontradiċu dak li qalet.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat. Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tordna li l-ispejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[12] Skont il-perit tekniku l-valur lokatizzju fis-sena 1987 kien ta' €525; 1992 - €850; 1997 - €1,500.